# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1525

Kaz Nru. 1836CD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Luciano Pace

u

Malta Freeport Terminals plc

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Illum il-Gimgha 16 ta' Lulju 2004

**Chairman :** **Is-Sur Carmel Debono**
**Membri:** **Is-Sur John Falzon**
**Is-Sjra Antoinette Caruana**

**Introduzzjoni**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet rriferita lit-Tribunal Industrijali permess ta' rikorsipprezentat fir-Registru tal-Qorti Superjuri fit-2 ta' Dicembru 2003 fuq il-firma ta' l-Avukat Ian Spiteri Bailey LL.D. ghan-nom ta' l-appellant Luciano Pace.

L-appellant kien assistit mill-Avukata Ilona Debono LL.D. u l-Avukat John Attard Montalto LL.D. u s-Socjeta kienet rapprezentata mis-Sur Francis X. Azzopardi, *Human Resources Manager* li kien assistit mill Avukat Richard Camilleri LL.D.

It-Tribunal zamm sitt (6) seduti.

## Dokumenti

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gew pprezentati u esebiti diversi dokumenti.

## Xhieda

Tul is-smeigh tal-kwistjoni taw l-evidenza taghhom is-segwenti persuni:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joe Grillo | Segretarju UHM |
| Is-Sur Francis X. Azzopardi | *H.R. Manager* Freeport |
| Is-Sur Jeanne Pierre Mifsud | *Payroll Clerk* |
| Dr Ian Spiteri-Bailey LL.D. | Konsulent Legali ta' l-UHM |
| Is-Sur Edwin Mallia | *Senior Executive* ETC |
| Is-Sur Luciano Pace | L-appellant |
| Is-Sur George Formosa | *Shopsteward* UHM |

## L-Istorja

L-appellant Luciano Pace kien beda fl-impieg mal-Freeport bhala *Crane Operator* fl-20 ta' Settembru 1993 u gie ssensjat fit-28 ta' Jannar 2003 wara mizuri dixxiplinarji.

Pace jirreteni li l-impieg tieghu gie tterminat ingustament u talab li jidher quddiem it-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors pprezentat fir-Registru tal-Qrati Superjuri fit-2 ta' Dicembru 2003, fejn skond l-Avukat Ian Spiteri Bailey l-impieg tieghu gie tterminat definittivament fis-26 ta' Awissu 2003 u li r-rikors kien qieghed isir *ai termini* tal-Artiklu 75 ta' l-Att XXII tal-2002.

**Kunsiderazzjonijiet**

Il-kaz kollu huwa kkundizzjonat jekk huwiex skond l-Artiklu 75 ta' l-Att XXII tal-2002, meta d-data tat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' Pace kinitx it-28 ta' Jannar 2003 jew is-26 ta' Awissu 2003.

It-Tribunal Industrijali sema' lil Pace jghid li hu ma kienx ircieva l-ittra tat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu, izda sema' wkoll lill-Messaggier jixhed li ha l-ittra bl-idejn u tefaghha fil-*letterbox* tar-residenza ta' Pace gurnata wara t-28 ta' Jannar 2003.

Gie stabbilit li r-residenza ta' Pace hija dik kif mgharufa mis-socjeta u Pace bil-gurament ikkonferma li d-dettalji tar-residenza tieghu huwa dawk kif jidhru ghand s-Socjeta.

Jidher li hu minnu li Pace kien ressaq l-ilment tieghu lis-Sur Joe Grillo, Segretarju ta' l-UHM, biex jerga jinghata l-impieg lura. Pace stqarr li hu kien gie mgharraf li l-kaz tieghu kien ghadu miftuh u kien ghalhekk li ma ghamilx ir-rikors tieghu qabel is-26 ta' Awissu 2003.

It-Tribunal innota li t-talba ta' l-Union Haddiema Maghqudin biex il-kaz ta' Pace jerga jigi kkunsidrat kienet rigettata bl-ittra tas-Sur Stanley Portelli datata s-26 ta' Awissu 2003 li l-kaz tieghu kien inghalaq.

It-Tribunal ikkunsidra b'certa reqqa x-xhieda tas-Sur George Formosa, *Shop Steward* ta' l-UHM li assista lill-appellant u huwa sodisfatt li Pace kien ben konxju li l-impieg tieghu kien gie tterminat u li ma jezisti l-ebda dubbju li kien ircieva l-ittra tas-socjeta f'dan ir-rigward.

Importanti ferm f'dan il-kaz li t-Tribunal Industrijali jaghmel referenza ghall-evidenza tas-Sur Edwin Mallia, *Senior Executive* ta' l-ETC li kkonferma li l-ETC baghtet lill-appellant taghrfu li gie llicenzjat u li l-appellant mar jirregistra ghax-

xoghol fis-7 ta' April 2003; konferma li Luciano Pace kien jaf li l-impieg tieghu kien gie tterminat, u gie rregistrat fuq it-tieni parti tar-registrazzjoni ghax kien gie ssensjat bhala rizultat ta' dixxiplina u biex irregistra l-appellant kellu jmur personalment ghand l-E.T.C.

It-Tribunal Industrijali huwa sodisfatt li l-evidenza tas-Sur Edwin Mallia, hija cara u qed isir referenza ghaliha ghax dan ix-xhud huwa meqjus indipendenti assolut; la hu parti mill-*management* li ttermina l-impieg ta' l-appellant u lanqas ma t-Tribunal joqghod fuq il-verzjoni ta' l-appellant.

Jista' jkun li Pace kien taht l-impressjoni li r-rapprezentazzjonijiet biex jerga jinghata l-impieg kienu ghadhom sejrin izda dan bl-ebda mod ma kellu jfixkel biex it-talba tieghu li jirreferi l-kaz tieghu lit-Tribunal Industrijali ssir qabel l-gheluq il-perjodu statutorju ta' erbgha (4) xhur skond il-Ligi.

Sintendi kieku sar hekk Pace kien ikun jista jkompli bir-rapprezentazzjonijiet tieghu fl-attentat tieghu biex jerga' jigi mpjegat; li naqas li jaghmel hekk u ma bghatx ir-rikors fiz-zmien stipulat irrendietu ineligibbli li jressaq il-kaz tieghu ta' tkeccija allegata ngusta lit-Tribunal Industrijali.

F'dan ir-rigward l-Artiklu 75 tal-Ligi XXII tal-2002 huwa cara bizzejjed.

Barra milli japplika biex iressaq il-kaz tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali, l-appellant kellu ukoll id-dritt li jappella mid-decizjoni ta' tkeccija skond il-Ftehim Kollettiv, facilita li naqas jinvoka.

Li thallas tal-jumejn li dahal ghax-xoghol wara it-28 ta' Jannar 2003, id-data tat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu bl-ebda mod ma tiggustifika li kien ghadu fl-impieg wara din id-data.

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li l-*Istatements of Case* tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotta, ra u kkunsidra s-sottomissjonijet finali tal-partijiet, isib u jiddeciedi dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq li l-appellant Luciano Pace naqas li jibghat it-talba tieghu fil-perjodu ta' erbgha (4) xhur mid-data tat-terminazzjoni ta' l-impieg cioe' t-28 ta' Jannar 2003 u li ghalhekk ma aderixxiex mal-provediment tal-Artiklu 75 tal-Ligi XXII tal-2002 li hu car bizzejjed li jipprekludieh li jisma l-meriti tal-kaz.

Ghal fini ta' doveri li jithallsu t-Tribunal qieghed jiffissa dawn fl-ammont ta' erbghijn Liri Maltin (Lm40) li kull wiehed miz-zewg difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

| Carmel Debono<br>Chairman | John Falzon<br>Membru | Antoinette Caruana<br>Membru |
|---|---|---|